MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 28/2006

**Carmel Abela ghan-nom ta’ Alfaran Trailers Maintenance & Log Serv. Ltd (C31341)**

**Vs**

**Sullivan Maritime Ltd ghan-nom ta’ socjeta` estera – Atlantica Spa di Navigazione u The Cargo Handling Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta’ Jannar 2006, fejn is-socjeta` attrici qed titlob hlas ta’ mitejn u tlieta u tmenin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm283.20) rapprezentanti hsarat ghal tiswija ta’ saqajn ta’ trailer No TR273 li wasal hawn Malta fuq il-vapur Eurostar Salerno

fit-13/11/05 li kien tabba mil-port ta' Salerno minghajr dawn il-hsarat.

Ra r-risposta ta' Sullivan Maritime Limited ghan-nom tas-socjeta` estera Atlantica Spa di Navigazione li permezz taghha ecceppiet illi t-talbiet tas-socjeta` attrici, fil-konfront tas-socjeta` konvenuta esponenti Sullivan Maritime Limited nomine, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi :

1) Is-socjeta` esponenti mhijiex responsabbli ghad-danni reklamati
mis-socjeta` attrici u dan kif jirrizulta mill-Join Tally Sheet relattiva, stante illi meta t-Trailer relattiv numru TR273, gie ikkonsenjat lis-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd, it-Trailer ma kellu ebda hsarat, u

2) In subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta`
esponenti mhijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` attrici u dan ai termini tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' karigu relattiva.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra illi s-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta.

Sema` x-xhiedha kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti ;

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet u ra illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2007 l-kawza thalliet ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi ma jirrizultax illi hemm kontestazzjoni li bhala fatt t-trailer TR 273 sofra hsarat, hekk kif wkoll ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni illi tali hsarat jammontaw ghal mitejn u tlieta u tmenin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm283.20) kif jirrizulta minn DOK CA6 a fol 18;

Il-kwistjoni li jidher illi trid tigi ndirizzata u determinata minn dan it-Tribunal hija – dik ta' min ghandu jinzamm responsabbli ghall-hlas tad-danni stabbiliti miz-zewg socjetajiet konvenuti.

Joseph Pawley (fol 21), Tally Clerk mas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd jghid illi jgharaf il-firma tieghu fuq Dok SM1 u kkonferma illi dwar it-Trailer TR273 ma saru ebda rimarki. Jikkonferma wkoll illi Dok SM1 – it-Tally – issir b'mod kongunt bejnu (The Cargo Handling Co Ltd) u Martin Borg (Sullivan Maritime Limited).

Minn naha tieghu, Martin Borg (seduta 30/01/07) Tally Clark mas-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Ltd, jaghraf il-firma tieghu wkoll fuq Dok SM1 u jikkonferma illi ma kienx hemm kummenti fuq Trailer TR 273 – filwaqt illi jispjega` illi kieku kien hemm xi hsarat fih – kien jaghmel r-rimarki tieghu.

Filwaqt illi Martin Borg jaghraf wkoll il-firma tar-rapprezentant tal-Cargo Handling Co. Ltd jghid illi Dok SM1 timtela fil-mument illi t-Trailer ghadda fir-responsabbilita` tal-Cargo Handling Co. Ltd.

Illi minn dawn il-provi, it-Tribunal ma jistghax allura ma jkunx sodisfatt illi s-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Ltd noe, ma tahtix u lanqas ma ghandha tassumi r-responsabbilita` ghad-danni riklamati mis-socjeta` attrici.

Jifdal ghalhekk illi r-responsabbilita` ghall-hsara sofferta mis-socjeta` attrici taghmel tajjeb ghalihom s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd, li meta t-trailer de quo kien fil-pussess taghha, jidher illi sofra il-hsarat mhux kontestati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara illi ha konjizzjoni tax-xhiedha kollha prodotti u tad-dokumenti kollha esebiti, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime

Ltd, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd wahedha thallas lil dik attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm283.20).

L-ispejjes kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd, salv ghal dawk relatati mas-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Limited, li minhabba Dok CA5 a fol 17 tal-process, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------